**10 ta' Novembru, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Avukat Dr. Antonio Caruana

*versus*

Giuseppe Fenech

**Proċedura — Eżekuzzjoni ta' Sentenza —Atti Eżekuttivi — Revoka**

*Huwa veru illi, bħala prinċipju, att eżekuttiv ma jeskludix atti eżekuttivi oħra, b'mod illi l-kreditur għandu dritt jeżegwixxi t-titolu tiegħu bil-mezzi kollha mogħtija mil-liġi; iżda kull*

*każ għandu l-fattezzi partikulari tiegħu. Non ostante illi att eżekuttiv ma jeżawrixxix att ieħor, u l-atti eżekuttivi jistgħu jiġu kumulati, f kull każ il-kwistjoni hi dejjem jekk l-eżekuzzjoni ulterjuri b'atti oħra hijiex neċessarja jew utili għall-interess tal-kreditur biex jottjeni l-ħlas tal-kreditu tiegħu kollu. U mhux għax bħala prinċipju l-attijiet ta' eżekuzzjoni jistgħu jiġu kumulati, ergo f'kull każ, huma x'inhuma ċ-ċirkustanzi, il-kreditur jista jagħmel jew ikompli jagħmel atti ta' eżekuzzjoni, ankorkè ma jkunux neċessarji jew utili.*

*Hekk, f'dan il-każ, il-kreditur, bħala effett ta' mandat ta' sekwestru, kien ikkaġuna li s-sekwestratarji jiddepożitaw taħt l-awtorità tal-Qorti diversi ammonti tal-allegat debitur, li kollha flimkien kienu biżżejjed biex jitħallas il-kreditu kollu tiegħu; u ma kienx hemm xkiel biex huwa jirtira dawk il-flus, u ma kienx hemm ħadd ieħor li jippretendi dawk il-flus jew parti minnhom; imma hu ma setgħax jiżbankahom minħabba oppożizzjoni tal-allegat debitur. Huwa ottjena l-ispedizzjoni ta' mandat ieħor ta' sekwestru; u l-Qorti ddikjarat dan it-tieni mandat inutili, u fuq talba taddebitur irrevokatu.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut, allegando li in forza ta' sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Novembru 1957, riformata fl-appell fl-24 ta' Frar 1958, huwa jinsab kreditur tal-attur fis-somma ta' £48. 5. 7d, fit-8 ta' Ġunju 1959 ottjena kontra l-attur, u f'idejn Luigi Scicluna, Lawrence Delia, Carmela Delia, Joseph D'Amato, Carmelo Mifsud u Vincent Galea, l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru għall-fuq imsemmi ammont ta' £48. 5. 7d pretiż kreditu skond taxxi li huwa allega mar-rikors għall-ispedizzjoni u ma semmiex fil-formola relattiva; u peress illi, indipendentement mill-fatt li l-attur ma għandux jagħti lill-konvenut dak l-ammont, is-somma li għaliha ġiet mitluba l-ispedizzjoni tas-sekwestru tinsab sufficjentement assikurata bl-ammont komplessiv ta' £40. 17. 11d li jinsab depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati bid-diversi ċedoli (fin-numru ta' sittax) indikati mill-istess konvenut fir-rikors għall-iżbank minnhom preżentat fis-16 ta' Marzu 1959, kol-

lha fl-ismijiet "Giuseppe Fenech vs. Dottor Antonio Caruana", kif ukoll bl-ammont ta' £9. 18. 9d depożitat taħt l-awtorità ta' din il-Qorti b'ċedola nru. 154 tas-26 ta' Settembru 1952, fl-istess ismijiet, u hekk id-depożiti kollha jammontaw għal £50. 16. 8d;

U peress li b'rikors tas-16 ta' Marzu 1959 il-konvenut talab quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati l-awtorizzazzjoni għall-iżbank tad-diversi ammonti depożitati biċ-ċedoli msemmijin fl-istess rikors, fl-ammont fuq imsemmi ta' £40. 17. 11d, u fis-26 ta' Mejju 1958 talab, b'rikors quddiem din il-Qorti, l-awtorizzazzjoni għall-iżbank tad-depożitu ta' £9. 18. 9d fuq riferit;

U peress li dawn iż-żewġ talbiet għandhom l-effett ta' sekwestru (art. 945(2) Kod. Proċ. Ċiv.) għall-ammont komplessiv ta' £50. 16. 8d;

U peress li l-konvenut talab quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati, in kontestazzjoni tal-attur, b'avviż nru. 273 tal-1959, l-awtorizzazzjoni għall-iżbank tal-fuq imsemmi ammont ta' £40. 17. 11d, u dik il-Qorti, b'digriet tas-26 ta' Mejju 1959, imponiet lill-attur Dr. Caruana ż-żmien ta' xahar sabiex, jekk jidhirlu, jimpunja l-kreditu avanzat mill-konvenut Fenech, u hekk iż-żewġ kontendenti ġew vinkolati b'kuntratt ġudizzjarju, li jorbothom fit-termini "hinc inde" proposti f'dik il-kawża;

U peress li ż-żewġ rikorsi fuq imsemmija, tas-26 ta' Mejju 1958 quddiem din il-Qorti u tas-16 ta' Marzu 1959 quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati, ġew preżentati mill-konvenut għall-awtorizzazzjoni biex ikun jista' jiżbanka r-relattiv depożitu bħala (pretiż) kreditur tas-somma li għaliha ġie spedit il-fuq imsemmi sekwestru, bħala dovuta għall-istess kawżali;

U peress li l-konvenut, għar-rikors preżentat mill-attur fil-1 ta' Ġunju 1959 quddiem din il-Qorti għar-revoka tal-eżekuzzjoni tal-fuq imsemmi mandat ta' sekwestru, oppona ruħu b'risposta tal-20 ta' Ġunju 1959;

Talab (1) li dik il-Qorti tiddikjara, għall-effetti u l-

finijiet kollha tal-liġi, vessatorja t-talba avanzata mill-konvenut b'rikors tat-8 ta' Ġunju 1959 għall-ispedizzjoni kontra l-attur tal-fuq imsemmi sekwestru tat-8 ta' Ġunju 1959, u null l-istess att; (2) tiġi revokata l-eżekuzzjoni tal-fuq imsemmi mandat ta' sekwestru spedit fit-8 ta' Ġunju 1959 minn dik il-Qorti fuq talba tal-konvenut kontra l-attur; (3) jiġi minn dik il-Qorti spedit kontromandat f'idejn il-fuq imsemmijin sekwestratarji, koerentement mal-ewwel u mat-tieni domanda. Salvi kwalunkwe dritt u azzjoni oħra tal-attur. Bl-ispejjeż kollha, kompriżi dawk tal-fuq imsemmi rikors tal-11 ta' Ġunju 1959 u tal-kontrorisposta ossija replika tal-20 ta' Ġunju 1959;

*Omissis*;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-8 ta' Jannar 1960, li biha ċaħdet it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż, salva r-riżerva magħmula fl-istess sentenza; wara li kkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jibbaża l-kawża fuq tliet motivi:— (a) li s-somma li għaliha sar is-sekwestru tinsab suffiċjentement assikurata bid-depożiti taħt l-awtorità ta' din il-Qorti u tal-Qorti Inferjuri; (b) li din l-aħħar Qorti, fil-kawża fl-ismijiet invertiti, kienet tgħat lill-attur (allura konvenut) xahar żmien biex jimpunja l-kreditu tal-konvenut (allura attur), u b'hekk il-kontendenti ġew vinkolati b'kuntratt ġudizzjarju fit-termini "hinc inde" proposti f'dik il-kawża; (c) u li l-attur ma għandux jagħti lill-konvenut l-ammont dedott fis-sekwestru;

Illi l-kreditu tal-konvenut jirrigwarda l-ispejjeż minnu nkorsi fil-kawża "Giuseppe Fenech vs. Avv Dr. Antonio Caruana" deċiża minn din il-Qorti fit-13 ta' Novembru 1957 u mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Frar 1958. li rriformat is-sentenza tal-ewwel istanza u akkollat lil Dr. Caruana bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi. B'ittra uffiċjali tat-28 ta' Marzu 1958 il-konvenut Fenech interpella lill-attur biex biex iħallaslu s-somma ta' £49. 8. 11d u nnotifikalu t-taxxa relattiva; l-attur ma akkwetax ruħu. u mpunja l-istess taxxa. li ġiet riformata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-30 ta' Jannar 1959; u għalhekk. b'ittra uffiċjali tal-25 ta' Frar 1959, il-konvenut in-notifika lill-attur it-taxxa relatti-

va u nterpellah iħallas, flimkien mal-ispejjeż ta' xhieda u oħrajn, is-somma ta' £48. 5. 7d; iżda l-attur ma ħallasx, u fit-30 ta' Marzu 1959 il-konvenut Fenech, permezz ta' avviż quddiem il-Qorti Inferjuri, talab li jiġi awtorizzat, non ostanti l-oppożizzjoni ta' Dr. Caruana, jiżbanka d-depożiti hemm eżistenti, ammontanti għal £40. 17. 11d, akkont tal-kreditu tiegħu; u billi Dr. Caruana f'dik il-kawża kkontesta l-kreditu tal-imsemmi Fenech, il-Qorti, b'digriet tas-26 ta' Marzu 1958, tagħtu xahar żmien biex jimpunja t-taxxa quddiem il-Qorti kompetenti. Fit-3 ta' Ġunju 1959 Dr. Caruana talab ir-riforma tad-digriet dwar id-dekorrenza tal-imsemmi terminu. Il-konvenut Fenech, fir-risposta tiegħu tal-10 tal-istess xahar, oppona ruħu enerġikament anki għad-digriet fih innifsu; u fil-5 ta' Ġunju 1959 l-istess digriet ġie konfermat mill-Qorti. Fit-8 ta' dak ix-xahar il-konvenut talab u ottjena kontra l-attur l-ispedizzjoni tas-sekwestru "de quo", in eżekuzzjoni tas-sentenzi fuq riferiti tat-13 ta' Novembru 1959 u 24 ta' Frar 1958; u fuq dan saret il-kawża odjerna;

Illi, premessi dawn il-fatti, xieraq li jiġu eżaminati separatament it-tliet motivi fuq riferiti, li fuqhom l-attur qegħed jibbaża l-kawża tiegħu;

Illi, kwantu għall-ewwel motiv, huwa prinċipju magħruf li att eżekuttiv ma jeżawrixxix atti eżekuttivi oħra (Kollez. XVII-III-75), b'mod li l-kreditur għandu dritt jeżegwixxi l-kreditu tiegħu bil-mezzi kollha lilu mogħtija mil-liġi (Kollez. XXXI-I704); u għalhekk il-kreditur, bil-fatt li jkun esperixxa proċedura eżekuttiva, mhux prekluż li f'nuqqas ta' ħlas, jirrikorri għal proċeduri eżekuttivi oħra (Kollez. II, 55), lanqas jekk dak il-kreditu jkun garantit permezz ta' rahan (Kollez. XVII-III-75); u saħansitra lanqas fil-każ li l-ammont ekwivalenti għall-kreditu jkun ġie depożitat ġudizzjarjament, jekk ma jkunx konsegwibbli mill-kreditur, kif inhu l-każ tagħna, bla ebda xkiel jew tfixkil (arg. art. 354(2) Proċ. Ċiv., u Kollez. XVI-III-93). Konsegwentement dan l-ewwel motiv mhux sostenibbli;

Illi lanqas hu sostenibbli t-tieni motiv, li ċjoè l-kontendenti kienu vinkolati b'kuntratt ġudizzjarju naxxenti mill-kontroversja quddiem il-Qorti Inferjuri. Biex tirrikorri din

il-figura ġuridika jeħtieġ ikun hemm veru ftehim kif inhu meħtieġ għal kwalunkwe kuntratt (Kollez. XXVI-I-223); u għalhekk mhux biżżejjed dak li jingħad jew isir bi skop ta' difiża, jekk ma jkunx hemm akkordju mal-kontroparti (Coen. Rep. Gen., Procedura Civile, para. 343); u dan l-akkordju ma jirriżultax. Difatti, apparti kull ċirkustanza oħra riżultanti mill-kawża nferjuri ġa riferita, jirriżulta li l-konvenut Fenech ma akkwetax ruħu għad-digriet tas-26 ta' Mejju 1959 li bih Dr. Caruana ġie awtorizzat jimpunja t-taxxa fi żmien xahar; anzi huwa, fl-imsemmija risposta tiegħu, oppona ruħu enerġikament għal dak il-provvediment. Huwa ċert, mbagħad, li Fenech qatt ma rrinunzja għad-dritt tiegħu li jeżegwixxi t-titolu tiegħu b'kull mezz ieħor oltre l-iżbank tad-depożiti. Fl-aħħarnett, ma ġiex pruvat li l-attur impunja t-taxxi in kwistjoni skond il-liġi; veru li huwa, fir-rikors tiegħu fuq riferit tat-3 ta' Ġunju 1959, iddikjara li dik l-impunjattiva kien qiegħed jagħmilha "ope exceptionis", minħabba r-ratizzazzjoni li ma kienetx saret tal-ispejjeż tal-ewwel istanza; imma, apparti n-novità tal-invokata proċedura, il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Frar 1958, kienet akkollat lill-attur l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi, u għalhekk ebda ratizzazzjoni ma hija ġuridikament konċepibbli;

Illi, fit-tielet lok, l-attur jibbaża l-azzjoni minnu esperita fuq li ma għandux jagħti lill-konvenut l-ammont dedott fis-sekwestru "de quo". Dwar dan il-punt ma sarux il-provi meħtieġa, u għalhekk xieraq li jiġu lill-attur riżervati d-drittijiet tiegħu kollha, "si et quantenus";

Rat in-nota li biha l-attur appella minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata, u t-talbiet tiegħu jiġu milqugħa; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel ilment tal-appellant jidher fondat. Meta ġie maħruġ is-sekwestru li tiegħu qegħdha tintalab ir-revoka, mhux kontestat illi taħt l-awtorità tal-Qorti Inferjuri kienu jinsabu depożitati ammonti fl-import

komplessiv ta' £40. 17. 11d, u taħt l-awtorità tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kien hemm depożitata somma oħra ta' £9. 18. 9d. B'rikors tas-16 ta' Marzu 1959 quddiem il-Qorti Inferjuri l-appellat kien talab l-awtorizzazzjoni biex jiżbanka l-imsemmi ammont ta' £40. 17. 11d u b'rikors tas-26 ta 'Mejju 1958 l-istess appellat kien talab awtorizzazzjoni biex jiżbanka ammont mill-imsemmija somma ta' £9. 18. 9d. Dawk iż-żewġ somom ta' £40. 17. 11d u £9. 18. 9d jinsabu għalhekk qieshom sekwestrati favur l-appellat, u mhux kontestat illi ,bħala ammont, ikopru l-kreditu pretiż minnu ta' £48. 5. 7d. Mhux bl-ebda mod allegat mill-appellat illi fuq dawk is-somom hemm xi pretensjonijiet jew domandi oħra ta' terzi persuni;

Għat-talbiet tal-iżbank tal-imsemmija somom kien hemm biss l-oppożizzjoni tal-appellant, għal raġunijiet li fihom din il-Qorti ma għandiex għalfejn tidħol għall-finijiet ta' din is-sentenza ħlief kif sejjer jingħad;

Minħabba din l-oppożizzjoni tal-appellant għar-rikors tal-iżbank quddiem il-Prim'Awla, fuq imsemmi, dik il-Qorti, b'digriet tas-26 ta' Awissu 1958, ordnat lir-rikorrent (issa appellat) biex, jekk jidhirlu, jipproċedi skond il-liġi, kemm il-darba, fi żmien jumejn minn meta dak id-digriet kien kommunikat lil Dottor Lorenzo Cassar u lil Dottor Antonio Caruana, dan tal-aħħar ma jkunx aderixxa għall-iżbank mitlub. Fil-fatt Dr. Caruana, wara l-kommunika, ma tgħax l-adeżjoni tiegħu. Mela, skond dan id-digriet, l-appellat kellu jaġixxi skond il-liġi — kliem li naturalment ifisser illi hu kellu, jekk ried, jaġixxi kontenzjożament kon-kontra l-appellant biex ikun awtorizzat jiżbanka dawk il-flus inattiża l-oppożizzjoni. L-appellat din il-proċedura ma għamilhiex;

Rigward id-depożitu taħt l-awtorità tal-Qorti Inferjuri, l-appellat kien ukoll ġie rimess għall-kontenzjus, in vista tal-oppożizzjoni għall-iżbank da parti tal-appellant. U in-fatti, b'avviż quddiem dik il-Qorti preżentat fit-30 ta' Marzu 1959, l-appellat istitwixxa l-kawża biex jiġi awto-rizzat jiżbanka minkejja dik l-oppożizzjoni. Din il-kawża ġiet kontestata mill-appellant, li eċċepixxa li hu ma kellux jagħti l-ammont li tiegħu kien qed jiġi mitlub l-iżbank.

B'digriet mogħti minn dik il-Qorti fis-26 ta' Mejju 1959, ġie mogħti lill-appellant (allura konvenut) xahar żmien biex, jekk jidhirlu, jimpunja t-taxxi (li fuqhom kienet bażata t-talba tal-appellat, allura attur) quddiem il-Qorti kompetenti, u l-kawża ġiet differita "sine die", riappuntabbli fuq talba verbali ta' xi waħda mill-partijiet, wara li tiġi deċiża l-kawża li l-appellant kellu jagħmel, u, fil-każ li ma jagħmilhiex, wara li jgħaddi inutilment iż-żmien lilu mogħti;

Fil-fatt, dan iż-żmien mogħti lill-appellant għadda bla ma hu għamel ebda proċeduri. Iżda waqt li dak iż-żmien kien għadu miexi, fit-8 ta' Ġunju 1959, l-appellat ottjena l-ispedizzjoni tal-mandat ta' sekwestru li issa jifforma l-oġġett tal-kawża preżenti. Eventwalment, l-appellat, fil-11 ta 'Novembru 1960, talab ukoll li l-kawża tal-iżbank fil-Qorti Inferjuri, li kif intqal, kienet ġiet differita "sine die", terġa tiġi appuntata, u fil-fatt ġiet riappuntata għas-6 ta' Diċembru 1960, u mbgħad differita għat-3 tal-istess xahar. F'din l-aħħar data, billi ma dehrux la l-appellat (attur) u lanqas id-difensur tiegħu, l-appellant (konvenut) ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Ma jidherx li l-appellat talab biex dik il-kawża terġa titqiegħed fuq il-lista kif maħsub fl-art. 197(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Hi fehma tal-Qorti illi f'dawn iċ-ċirkustanzi l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni — apparti l-mod kif sar fuq numru ta' sekwestratarji ta' ammonti żgħar u l-mod kif id-depożiti in eżekuzzjoni tiegħu ġew eżegwiti — ma kienx ġustifikat. Ċertament huwa veru dak li ġie ritenut fis sentenzi ċitati mill-Ewwel Onorabbli Qorti, ċjoè illi, bħala prinċipju, att eżekuttiv ma jeskludix atti eżekuttivi oħra, b'mod illi l-kreditur għandu dritt li jeżegwixxi t-titolu tiegħu bil-mezzi kollha mogħtija mill-liġi; iżda kull każ għandu l-fattezzi partikulari tiegħu. Hekk, fil-każ riportat fil-Kollez. Vol. XVI-III-93 jidher illi d-depożitu kien ġie sekwestrat minn kredituri oħrajn u ma kienx suffiċjenti biex jossiddisfa l-kreditur eżekutant, almenu bla ostakoli u diffikultajiet, oltre kwistjonijiet oħra. Fil-kawża riportata fil-Vol. XVII-III-75, non ostante li l-Qorti affermat il-prinċipju illi att eżekuttiv ma jeżawrixxix att ieħor, b'mod illi l-attijiet eżekuttivi jistgħu jiġu kumulati, b'dan kollu, skond

il-fatti partikulari tal-każ, issospendiet l-arrest personali sakemm kellha ssir is-subasta tar-rahan u jiġi mputat *għall-kreditu tal-eżekutant ir-rikavat ta' dak il-bejgħ.* F'kull każ il-kwistjoni hi dejjem jekk l-eżekuzzjoni ulterjuri b'atti oħra hijiex neċessarja jew utili għall-interess tal-kreditur biex jista' jottjeni l-ħlas tal-kreditu kollu. Mhux għax bħala prinċipju l-attijiet eżekuttivi jistgħu jkunu kumulati, ergo f'kull każ, huma x'inhuma ċ-ċirkustanzi, il-kreditur jista' jagħmel jew ikompli jagħmel atti ta' eżekuzzjoni, ankorkè ma jkunux neċessarji jew utili. Issa fil-każ preżenti, din il-Qorti jidhrilha illi s-sekwestru in kwistjoni ma kienx neċessarju, u lanqas hu ġuridikament utili *għall-appellat; u r-rimedju leġittimu tiegħu ma jinsabx* f'dak il-mezz;

Ġa ntqal li taħt l-awtorità tal-Qrati jinsabu depożitati sommom ta' flus sostanzjalment sekwestrati favur l-appellat, li minnhom hu jista' jitħallas, jekk għandu dritt, tal-kreditu tiegħu kollu. Veru li l-appellant oppona għall-iżbank; iżda r-rimedju tal-appellat ma kienx li jagħmel sekwestru ieħor, li jkabbar bla bżonn id-depożiti taħt l-awtorità tal-Qorti bla ebda utilità prattika għall-appellat eżekutant. Sakemm *tibqa' l-oppożizzjoni tal-appellant għall-*iżbank, inutili jikbru d-depożiti, għax l-appellat l-istess ma jistgħax jiżbanka minnhom; u dan hu hekk tant għad-depożiti li ġa kien hemm, kif ukoll għad-depożiti ġodda taħt is-sekwestru ġdid. Ir-rimedju tal-appellat huwa li jinnewtralizza l-oppożizzjoni tal-appellant (jekk hija nġusta), u dan billi jitlob bil-proċedura proprija li jiżbanka non ostante dik l-oppożizzjoni. Hekk kienet ordnatlu jagħmel il-Prim' Awla bid-digriet tagħha tas-26 ta' Awissu 1958, kif ġa ntqal. U hekk hu beda jagħmel quddiem il-Qorti Inferjuri biċ-ċitazzjoni ġa fuq imsemmija, *li, kif intqal ukoll (fil-*pendenza ta' din il-kawża) spiċċat bil-liberatorja "ab observantia" tal-appellant;

Il-Qorti ma jidhriliex li s-sekwestru in kwistjoni, bid-depożiti ta' diversi sommom żgħar in eżekuzzjoni tiegħu, bl-ispejjeż li jikkaġunaw, jista' leġittimament jintuża bħala mezz biex l-appellant jirtira l-oppożizzjoni tiegħu għall-iżbank tad-depożiti preċedenti, li huma biżżejjed biex l-appellat, jekk għandu dritt, jitħallas. Skop leġittimu ta'

sekwestru jista' jkun biss dak li jinġabar ammont biżżejjed taħt l-awtorità tal-Qorti biex minnu l-kreditur eżekutant jista' jitħallas, wara li, jekk ikun hemm oppożizzjoni da parti tad-debitur eżekutat, din l-oppożizzjoni tiġi newtralizzata bis-sentenza tal-Qorti. Fil-każ preżenti, dak l-ammont kien ġa jeżisti taħt l-awtorità tal-Qorti qabel ma sar is-sekwestru issa in kwistjoni, u l-appellat seta', kieku ried, imexxi biex l-oppożizzjoni tal-appellant għall-iżbank tiġi mill-Qorti dikjarata inġusta u l-iżbank ikun awtorizzat inattiża dik l-oppożizzjoni;

In vista ta' din il-konklużjoni, mhux il-każ li jiġu eżaminati kwistjonijiet oħra;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talbiet magħmula fiċ-ċitazzjoni;

L-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, jibqgħu mingħajr taxxa; ħlief kwantu għad-dritt tar-Reġistru, li għandu jħallsu l-appellat.